MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 846/2009/1

**Bay Street Holdings Limited**

**v.**

**Match Music Stores (Malta) Limited u Grech Fashions Limited**

## Il-Qorti:

Rat li dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Lulju, 2010, li bih cahdet talba tas-socjeta` attrici ghall-kjamata fil-kawza ta' Philip Grech personalment.

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici ghamlet riferenza ghall-ftehim imsejha 'Operation of a Business Concern' u 'Management Agreement' li kienu gew iffirmati bejn il-partijiet Bay Street Holdings Limited u Match Music Stores (Malta) Limited fl-1 ta' Dicembru, 2006, u qed tallega li jonqos li jsir hlas taht dak il-ftehim (ta' €158,68.89), u peress li gew miksura xi termini ta' dak il-ftehim, qed titlob li l-konvenuti jigu zgumbrati mis-sit f'Bay Street Complex, San Giljan, li kienu qed jaghmlu uzu minnu bis-sahha tal-istess zewg ftehim. Dawn iz-zewg talbiet tressqu fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti, Match Music Stores (Malta) Limited u Grech Fashions Limited, socjeta`, din tal-ahhar, li skont is-socjeta` attrici, tifforma parti tal-istess grupp u hija tal-istess azzjonisti, u li ghaliha kienet saret talba biex lilha jigu assenjati l-operazzjonijiet li jitmexxew mis-sit originarjament koncess ghall-uzu tal-ewwel socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` attrici qed tghid li, fil-kors tas-smigh tax-xhieda, irrizulta li Philip Grech (li hu direttur tas-socjeta` Match Music (Malta) Limited) involva ruhu <u>personalment</u> fil-kwistjoni tal-arretrati tal-hlasijiet dovuti, u dan billi hareg serje ta' *post-dated cheques* a favur is-socjeta` attrici sabiex jaghmel tajjeb ghad-djun tas-socjetajiet konvenuti; dawn ic-*cheques* inhargu minn kont personali tal-imsemmi Philip Grech. Is-socjeta` attrici argumentat li, b'dan il-mod, Philip Grech accetta li jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni tal-konvenuti u ta' garanzija f'materja kummercjali, u allura talbet li jissejjah fil-kawza ai termini tal-Artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet din it-talba, u s-socjeta` attrici ressqet appell fejn qed tinsisti fuq it-talba taghha ghax, fil-fehma taghha, jirrizulta car li Philip Grech accetta li jaghmel tajjeb ghad-djun tas-socjetajiet konvenuti u tezisti, allura, "il-komunjoni tal-kontroversja".

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi u d-dokumenti esebiti, ma taqbilx mal-aggravji tas-socjeta` appellanti u dan ghal diversi ragunijiet:

(i) Dawn ic-*cheques*, uhud minnhom inhargu xhur qabel il-prezentata ta’ din il-kawza, tant li hemm *cheques* bid-data ta’ April, Mejju, Gunju u Lulju tal-2009. Dawn gew ipprezentati ghall-hlas ukoll qabel il-prezentata ta’ din il-kawza, izda is-socjeta` xorta ddecidiet li ma tipprocedix kontra tieghu personalment. Ma tistax issa tmur kontra d-decizjoni taghha stess, u titlob li ddahhal fil-kawza persuna li kienet taf bih minn qabel.

(ii) L-ghoti ta’ garanzija skont il-ligi trid tirrizulta mill-miktub (Artikolu 1233 tal-Kodici Civili), izda ebda kitba ma tirrizulta li saret. Il-*Financial Controller* tas-socjeta` attrici tghid li, waqt diskussjonijiet bejn il-partijiet bi hsieb li jaslu f’xi ftehim, kienet saret proposta biex Philip Grech jidhol garanti, izda “ma wasalniex”. Kwindi, garanzija fis-sens tal-ligi ma hemmx.

(iii) Ghalkemm il-figura ta’ assunzjoni ta’ debitu tista’ tirrizulta verbalment, iridu jirrizultaw provi cari u konklussivi qabel ma jista’ jigi deciz li persuna assumiet dejn ta’ xi hadd iehor u, f’din il-materja, il-gurisprudenza hi konkordi li pagament akkont ta’ dejn ta’ haddiehor ma jfissirx li min ghamel il-hlas assuma l-obbligu li jhallas id-dejn kollu ta’ dik it-terza persuna (ara , per ezempju, il-kawza **Attard Co. Ltd. v. MA Supermarkets Ltd. et.** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2003, u l-gurisprudenza kopjuza li ghaliha hemm riferenza f’dik is-sentenza; il-kawza **Camilleri v. Muscat**, deciza wkoll mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Novembru, 2006; il-kawza **J & C Pisani Ltd. Finrac Ltd.**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Gunju, 2004, fejn intqal li pagament minn terz “qatt ma jista’ johloq relazzjoni gdida bejnu u l-kreditur meta din ir-relazzjoni qatt ma kienet tezisti”; u l-kawza **Bonnici v. Pirrone**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru, 2006). Kwindi a bazi tac-cirkostanzi imressqa mis-socjeta` appellanti bhala bazi tat-talba taghha, l-istess ma tistax tintlaqa’.

Fid-dawl tal-premess ma jirrizultax li l-appell tas-socjeta` attrici jista’ jigi milquh.

Fil-kuntest tal-aggravju li d-digriet tal-ewwel Qorti huwa nieqes minn motivazzjoni, din il-Qorti tosserva li fil-waqt li hu veru li d-digriet seta' u messu kien aktar motivat, jibqa' l-fatt li, fid-dawl ta' dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza, l-istess decizjoni kienet wahda gusta, u mhux lok li l-kwistjoni tigi rimessa lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni motivata taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Lulju, 2010; l-ispejjez marbuta ma' dan l-appell jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------